31999R0149

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 149/1999
tad-19 ta' Jannar 1999
li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2027/95 li jistabbilixxi sistema għall-ġestjoni ta' l-isforz tas-sajd li għandu x'jaqsam maż-żoni u r-riżorsi mis-sajd tal-Komunità

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3760/92 tal-20 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi sistema Komunitarja għas-sajd u l-akwakultura [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta mill-Kummssjoni,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 685/95 tas-27 ta' Marzu 1995 dwar il-ġestjoni ta' l-isforz tas-sajd li għandu x'jaqsam ma' ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità [2] jistabbilixxi l-kriterji u l-proċeduri għad-dħul ta' sistema għall-ġestjoni ta' l-isforz tas-sajd fit-taqsimiet ta' l-*ICES* Vb, VI, VII, VIII, IX, X u fl-erji *CECAF* 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0;

Billi r-Regolament (KE) Nru 2027/95 [3] li jistabbilixxi sistema għall-ġestjoni ta' l-isforz tas-sajd li għandha x'taqsam ma' ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità u l-isforz massimu u minimu tas-sajd għal kull Stat Membru u għal kull post tas-sajd, fuq il-bażi tat-tagħrif mibgħut mill-Istati Membri;

Billi, meta kien adottat ir-Regolament (KE) Nru 2027/95, id-Danimarka ħadet il-veduta illi s-sajd industrijali għandu jiġi trattat fl-istess manjiera bħas-sajd fuq il-baħar apert u għalhekk ma bagħtitx lill-Kummissjoni l-istimi tagħha dwar l-isforz tas-sajd meħtieġ minn dawn il-bastimenti;

Billi s-sajd industrijali mid-Danimarka jimmira għall-ispeċji tal-baħar apert kif ukoll għall-ispeċji demersali, partikolarment fil-każ tal-budakkra Norveġiża u tas-sallura tar-ramel;

Billi huwa għalhekk meħtieġ fuq il-bażi tat-tagħrif mibgħut f'talba separata magħmula mid-Danimarka fit-22 ta' Lulju 1997, u b'konformità mal-kriterji preskritti fil-Regolament (KE) Nru 2027/95, illi jiġi aġġustat l-isforz massimu tad-Danimarka sabiex jitqies is-sajd industrijali ta' dawn l-ispeċji demersali;

Billi r-Regolament (KE) Nru 2027/95 għandu għalhekk jiġi emendat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-parti ta' l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2027/95 li għandu x'jaqsam ma' l-isforz massimu annwali tas-sajd għal tagħmir irmunkat u tagħmir fiss għall-ispeċji demersali għar-Renju tad-Danimarka għandu jiġi mibdul bl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

---

(1) ĠU L 389, tal-31.12.1992, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1181/98 (ĠU L 164, tad-9.6.1998, p. 1).
(2) ĠU L 71, tal-31.3.1995, p. 5.
(3) ĠU L 199, ta' l-24.8.1995, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Jannar 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

K.-H. FUNKE

ANNESS

Sajd					Kapaċità ta'sajd (*)			
Tagħmir tas-sajd	Speċji immarkati	Żoni ICES jew CECAF			DK			
Tagħmir irmunkat	Speċji demersali	Vb (1). VI, VII, VIII, IX, X u CECAF 34.1.1,33.1.2, 34.2.0			222			
		ta'liema	Vb (1), VI		212			
			ta' liema	(**)	216			
			VII		10			
			ta' liema	(**)	23			
				VII a	0			
				VII (2) f	0			
			VIII a, VIII b, VIII d		0			
			VIII c, VIII e, IX, X and CECAF 34.1.1, 34.1.2, 34.2.0		0			
			ta' liema	VIII c, VIII e, IX (3)	0			
				IX (4)	0			
				X (4)	0			
				CECAF 34.1.1 (3)	0			
				CECAF 34.1.2. (3)	0			
				CECAF 34.2.0. (3)	0			
				CECAF 34.1.1. (4)	0			
				CECAF 34.1.2. (4)	0			
				CECAF 34.2.0. (4)	0			

(*) Espress f'eluf ta KW x ġranet fl-żona

(**) Parti mill-żona inkluża fl-żona definita fl-artikolu 3 (5) ta' regolament (KE) No. 685/95. Is-sajd muri huwa kemm għall Tagħmir irmunkat kemm għall tagħmir fiss

(1) Biss fl-ilmijiet taħt is-sovranità/ġuridizzjoni tal-Gżejjer Faroe u l-Iżlanda.

(2) Tramuntana ta' 50' 30' N

(3) Biss fl-ilmijiet taħt is-sovranità/ ġurisdizzjoni ta'Spanja

(4) Biss fl-ilmijiet taħt is-sovranità/ ġurisdizzjoni tal-Portugall

Sajd					Kapaċità ta'sajd (*)			
Tagħmir tas-sajd	Speċji immarkati	Żoni ICES jew CECAF			DK			
Tagħmir iffissat	Speċji demersali	Vb. (1) VI, VII, VIII, IX, X u CECAF 34.1.1, 34.1.2, 34.2.0			72			
		ta'liema	Vb (1), VI		26			
			ta' liema	(**)	216			
			VII		46			
			ta' liema	(**)	23			
				VII a	0			
				VII (2) f	8			
			VIII a, VIII b, VIII d		0			
			VIII c, VIII e, IX, X and CECAF 34.1.1, 34.1.2, 34.2.0		0			
			ta' liema	VIII c, VIII e, IX (3)	0			
				IX (4)	0			
				X (4)	0			
				CECAF 34.1.1. (3)	0			
				CECAF 34.1.2. (3)	0			
				CECAF 34.2.0. (3)	0			
				CECAF 34.1.1. (4)	0			
				CECAF 34.1.2. (4)	0			
				CECAF 34.2.0. (4)	0			

(*) Espress f'eluf ta KW x ġranet fl-żona

(**) Parti mill-żona inkluża fl-żona definita fl-artikolu 3 (5) ta' regolament (KE) No. 685/95. Is-sajd muri huwa kemm għall Tagħmir irmunkat kemm għall tagħmir fiss

(1) Biss fl-ilmijiet taħt is-sovranità/ġuridizzjoni tal-Gżejjer Faroe u l-Iżlanda.

(2) Tramuntana ta' 50' 30' N

(3) Biss fl-ilmijiet taħt is-sovranità/ ġurisdizzjoni ta'Spanja

(4) Biss fl-ilmijiet taħt is-sovranità/ ġurisdizzjoni tal-Portugall